

31991L0684

L 376/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1991

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tad-19 ta' Diċembru 1991****li temenda d-Direttiva Nru 89/437/KEE dwar l-iġjene u problemi tas-saħħa li jeffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li joriġinaw mill-bajd**

(91/684/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara l-kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KEE ta' l-20 ta' Ġunju 1989 dwar l-iġjene u l-problemi tas-saħħa li jeffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li joriġinaw mill-bajd ⁽¹⁾, kif emendata mid-Direttiva Nru 89/662/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Anness għandhom jiġu addattati għall-progress xjentifiku u teknoloġiku, skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva Nru 89/437/KEE, rigward l-ittestjar għall-*staphylococci* fi prodotti li joriġinaw mill-bajd u t-temperatura tal-magazzinagg għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-bajd,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness mad-Direttiva 89/437/KEE qiegħed b'hekk jiġi emendat kif ġej:

1. It-tielet inċiż tal-punt 1(b) tal-Kapitlu VI għandu jinbidel b'dan li ġej:

“— *Staphylococcus aureus*: in-nuqqas tiegħu fi gramma waħda ta' prodott li joriġina mill-bajd.”

2. Ir-raba' inċiż tal-punt 3 tal-Kapitlu IX għandu jitħassar.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1991. Dawn għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, dawn għandhom jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

Il-proċedura biex issir din ir-referenza għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1991.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. DANKERT

⁽¹⁾ ĠU L 212, tat-22.7.1989, p. 87.⁽²⁾ ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.